MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 134/2009

**Robert Debono**

**Vs**

**Dr. Clarence Busuttil u Bay Catering Co. Ltd**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-sebgha (7) t’April 2009 permezz ta’ liema r-rikorrenti talab lil Qorti tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, ihallsuh s-somma ta’ hamest elef mija u tmienja u tmenin Euro (€5188) jew somma verjuri rapprezentanti prezz ta’ merkanzija konsenjata lilhom jew fuq ordni taghhom jew min minnhom ghal liema ammont ghaldaqstant huma unikament responsabbli.

Bl-ispejjes kollha kontra l-intimati li huma ngunti ‘n subizzjoni nkluz ukoll l-ispejjez u d-drittijiet tal-Mandat ta’ Sekwestru bin-numru 348/09 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat li l-intimati kienu debitament notifikati bl-avviz in kwistjoni nhar id-disgha w ghoxrin (29) t'April 2009 skond it-timbru tal-Marixxal Connie Grech a fol. 5 tal-atti tal-process.

Rat li fis-seduta tas-sitta w ghoxrin (26) ta' Mejju 2009 l-intimati gew imsejjha diversi drfabi, izda baqghu ma dehrux, la biex jikkontestaw t-talba rikorrenti u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li t-talba rikorrenti tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba rikorrenti u tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti is-somma ta' hamest elef mija u tmienja u tmenin euro (€5188) u dan ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors promotur.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenuti 'n solidum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------